

# Żewġ ritratti storiċi marbutin mal-Parroċċa

**Hose Borg**

F'din is-sena tant speċjali għall-parroċċa Ġwanniża, f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tagħha ma stajtx ma nittrattax artiklu bħal dan li jitfa' dawl storiku fuq il-parroċċa. Avviż ċkejken inkluż bil-programm tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja deher fil-gazzetta "Il-Berqa" tal-Ġimgħa 11 ta' Settembru bit-tħabbira għad-data tal-Ħadd 13 ta' Settembru, għal dak li kienet se issir f'okkażjoni tant storika u importanti li saret għall-parroċċa tal-Imsieraħ f'dak iż-żmien tat-tberik u t-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida. L-artiklu bit-titlu "Knisja Ġdida F'Birkirkara", kien jgħid hekk:"Nhar il-Ħadd li ġej, 13 ta' Settembru, fl-4.30pm, l-Eċċellenza tiegħu Mons. Emmanwel Galea, Isqof ta' Tralles u Locum Tenens tal-Arċisqof, sejjer ibierek u jqiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida tal-Kappuċċini f'tal-Għargħar, Birkirkara. Kulħadd huwa mistieden għal din iċ-ċerimonja".

Dan kien l-avviż sinjifikattiv li kien sar fil-gazzetta sabiex ixandru l-aħbar kif ukoll jistiednu lill-poplu sabiex jattendi għaċ-ċerimonja tant speċjali f'dak iż-żmien bikri tar-raħal tal-Imsieraħ li eventwalment malli twaqqaf f'parroċċa qabad jiżviluppa ġmielu. Dawn iż-żewġ ritratti flimkien mehmużin f'artiklu minn ċertu patri Kappuċċin, patri Franġisku



Il-Ġimgħa,

KNISJA ĠDIDA F'BIRKIRKARA

Tqegħid u Tberik ta' l-Ewwel Ġebla

Nhar il-Ħadd li ġej, 13 ta' Settembru, fl-4.30 p.m., l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Emmanwel Galea, Isqof Ta' Tralles u Locum Tenens ta' l-Arċisqof, sejjer ibierek u jqiegħed l-ewwel ġebla tal-Knisja ġdida tal-Kapuċċini f'tal-Għargħar Birkirkara. Kulħadd huwa mistieden għal din iċ-ċerimonja.

TIFEL MILQUT MINN KARROZZA

Vincent Bugeja, ta' 46 sena minn Birżebbuġa, waqt li kien għaddej isuq karrozza ...

*L-avviż li deher fil-Berqa dwar ċ-ċerimonja tal-ewwel ġebla tal-knisja.*



...nies ta' dawk l-inħawi, biex issehh il-ħolma li tant ilhom jixtiequ li jaraw lesta l-Knisja ġdida tagħhom.

L - Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Galea, qed ibierek l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida tal-Patrijiet Kappuċċini li se tinbena f'Tal-Għargħar, Birkirkara. Il-Parrinijiet kienu l-Kanonku G. Micallef, Dekan tal-Kapitlu ta' Birkirkara u Dr. H. Frendo, LL.D.

Mużew ... ' Ħall Tarxien

*It-tqegħid u t-tberik tal-ewwel ġebla tal-knisja l-gdida ta' San Gwann.*

Cap. bit-titlu "Il-Knisja Ġdida Tal-Kappuċċini F'Tal-Għargħar, B'Kara" li deher fil-Berqa tat-Tlieta ta' wara ċ-ċerimonja speċjali li jġibu d-data tal-15 ta' Settembru. F'artiklu ieħor, din id-darba b'deskrizzjoni tal-knisja fiex kienet ser tikkonsisti bħala binja, fost punti oħra msemmija bħal altari eċċ, iż-żewġ ritratti eventwalment juru t-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja kif ukoll il-pjanta oriġinali tal-knisja kif kienet maħsuba li ser ssir bil-kampnar. Fl-ewwel ritratt jidher il-vigarju ġenerali, l-isqof ta' dak iż-żmien Emmanwel Galea, liema ġebla ġiet imqiegħda nhar it-13 ta' Settembru tas-sena 1953, fejn propju nhar it-13 ta' Settembru li ġej jaħbat għeluq it-62 sena sa minn meta tqiegħdet l-ewwel ġebla.

Fatt kurjuż u interessanti huwa kif fir-ritratt tidher imsemmija l-parroċċa ta' Birkirkara għaliex sa dak iż-żmien, il-parroċċa tal-Imsieraħ kif kienet magħrufa f'dak iż-żmien, kienet għadha tagħmel ma' Birkirkara billi l-Imsieraħ jew kif nafuh tajjeb aħna llum San Ġwann kien għadu ma twaqqafx f'parroċċa awtonoma minn Birkirkara. Fir-ritratt jissemmew ankè l-parrinijiet tal-knisja li naturalment kienu preżenti għall-okkażjoni, li kienu l-Kanonku Dekan tal-kapitlu tal-kolleġġjata ta' Birkirkara Ġ. Micallef kif ukoll Dr. H. Frendo, LL.D. Ta' min wieħed jaċċenna kemm tassew fir-ritratt tidher sewwa l-ewwel ġebla qiegħda tiġi mqiegħda kif ukoll l-folla numeruża li attendiet, fosthom uħud mill-ewwel patrijiet Kappuċċini li kellha l-parroċċa għal din ċ-ċerimonja tant storika u sinifikanti li kellha twassal għat-twaqqif ta' parroċċa oħra li tista' tgħid hija klassifikata ma' dawk il-parroċċi ġodda jew riċenti li twaqqfu minn wara t-tieni gwerra dinjija sa żmienna fil-preżent.




*Ritratti storiċi li dehru fil-Berqa nhar il-15 ta' Settembru 1960*




*Il-pjanta proposta tal-knisja kif kienet maħsuba li ser ssir bil-kampnar*

Ir-ritratt l-ieħor, juri spunt interessanti ta' storja li sfortunatament kellu jibqa' mpinġi u mfassal fuq il-karta biss u ma twettaqx realment. Naturalment qiegħed nirreferi għar-ritratt tal-pjanta tal-knisja kif kellha tiġi bil-kampnar. Il-pjanta tal-imsemmija knisja li saret mill-perit, il-professur Joseph Colombo. Wieħed ma jistax ma jaċċennax għall-fatt li l-kampnar li kien maħsub biex jinbena kien adattabbli ferm mal-kumplament tal-faċċata tal-knisja proposta, aktar u aktar meta wieħed jikkumpara t-tieqa tal-faċċata tal-kampnar flimkien mal-kolonnar sempliċi

li kien maħsub, ikkumparat mat-twieqi u l-kolonnar tal-faċċata tal-knisja. Ankè l-fatt li l-istess kampnar kien se jkun għola missaqaf tal-knisja, ukoll tpoġġi sinjifikat ċar ta' kemm il-knisja kien se jkollha dehra tassew imponenti bil-kampnar. L-istess kampnar li kien maħsub jinbena kien ser ikollu dak il-kampnar bil-kolonnar, kif ukoll jagħlaq b'lanterna kif wieħed jista' jinnota sewwa fir-ritratt. Kien ser ikun tassew kampnar uniku meta wieħed joqgħod anke jaħseb u jirrifletti ftit ikkumparat ma' kampnari ta' knejjes oħra.


*Il-kampnar tal-knisja tal-Gudja, l-uniku eżempju ta' similarità fl-arkitettura tiegħu.*

Għalkemm xi ftit jew wisq jixbaħ sa ċertu punt dak tal-knisja ta' Santa Marija tal-Gudja li sar taħt d-direzzjoni tal-perit William Baker filwaqt li ġie mħallas mill-parruċċani Gudjani stess. Il-kampnar tal-Gudja huwa simili għal dak ta' kif kien maħsub li jsir għall-knisja ta' San Ġwann minħabba l-kolonnar simili li jħaddan fil-parti ta' fuq tiegħu. Is-saffi maqsumin fil-ġebla hekk kif saru fil-pjanta tal-kampnar, saru ankè bi ħsieb parallel ma' dawk tal-faċċata ċentrali tal-knisja wkoll għal dik ta' San Ġwann.

Iżda sfortunatament dan il-ħsieb baqa' biss bħalma diġà semmejt ħsieb fuq il-karta għaliex baqa' ma sarx. Setgħu kienu diversi r-raġunijiet għaliex ma sarx iżda żgur li probabbilment raġuni prinċipali għaliex ma sarx kienet minħabba l-finanzi limitati li kellha l-parroċċa dak iż-żmien fejn forsi anke l-patrijiet Kappuċċini ta' dak iż-żmien aktar kienu qegħdin jaħsbu sabiex ifittxu jifthu l-knisja l-ġdida u jadattawha sabiex jaqdu l-bżonnijiet spiritwali tal-parruċċani ta' dak iż-żmien li tassew kien qiegħed jinħass bħala bżonn fundamentali aktar milli jaħsbu biex jibnu kampnar.

Seta' ġara anke li l-patrijiet stess ta' dak iż-żmien ma riedux li jinbena minħabba l-gosti arkitettoniċi tagħhom ukoll. Dawn ir-ritratti storiċi, żgur li jġeddu ħafna memorji u ankè jitfgħu tassew ħjiel storiku ta' dak li l-parroċċa ta' San Ġwann għaddiet minnu u li kieku m'għaddietx minn dan kollu, żgur li kieku l-parroċċa llum ma waslitx fejn waslet grazzi ankè ta' bosta benefatturi u patrijiet Kappuċċini li tant ħadmu tul dawn il-50 sena sħaħ kemm ilha parroċċa, baqgħu dejjem isostnu l-knisja bit-tmexxija spiritwali kif ukoll ankè bl-għotjiet finanzjarji rispettivi tagħhom.